**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 06**

**Data:** **2 ta' Ottubru, 2019**

**Hin:** **11.15am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

06.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

06.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

06.5 Korrispondenza u Rapporti;

06.6 Bye-Law Protezzjoni Wirt Storiku fil-lokalita';

06.7 Zebra Crossing fiz-zona tal-Fgura;

06.8 Attivitajiet tal-Milied;

06.9 Shelters ghat-tfal;

06.10 Attivita' thawwil tas-sigar;

06.11 Kite Festival;

06.12 Social Marketing Campaign – Wasteserv;

06.13 Team Building – Ghaqdiet Volontarji Gharb;

06.14 CCTV's entraturi tal-lokalita';

06.15 Vacation Leave tal-Impjegati;

06.16 Skeda ta' Pagamenti;

06.17 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**06.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

06.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

06.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**06.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

06.3.1 Is-Sindku aggorna lil Kunsill dwar it-tinfif minn wires tas-servizzi inutli tad-diversi korporazzjonijiet. Il-Kumpanija Melita bdiet bix-xoghol taghha f' Triq Trux, Triq l-Isqof Mikiel Molina u Triq Frenc ta' l-Gharb.

Il-Korporazzjoni Enemalta qed tipprepara sabiex il-gimghat li gejjin jibda' x-xoghol fuq it-tindif tal-wires u cables li hemm mall-madwar tal-Knisja Parrokkjali u jitnizlu fil-culvert li saru mill-amministrazzjoni precedenti ghal dan l-iskop.

06.3.2 Is-Sindku spjega li l-legislatura precedenti kienet iddecidiet li jsir immanigjar tat-traffiku waqt il-hinijiet ta’ dhul u hrug mill-iskola. Gie spjegat f’hiex kienet tikkonsisti u li din ricentament kienet giet approvata mit-Transport Malta. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li ghandu jimplimenta din is-sistema mill-bidu tas-sena 2020 hekk kif it-tfal jidhlu lura mill-vaganzi tal-Milied u l-ewwel tas-sena.

06.3.3 Is-Sindku aggorna lill-membri fir-rigward tas-second class water li kienet giet diskussa precedentament fejn huwa kkonferma li l-proposta tal-Kunsill kienet giet accettata u kienet qed tigi diskussa biex jaraw minn fejn jistghu jghaddu bl-ilma.

06.3.4 Is-Sindku spjega li l-Kunsill waslet email min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward tar-responsabilitajiet tal-Kunsilliera fejn gie innotat li l-innovazzjoni giet maqsuma bejn is-Sindku u l-Kunsillier Joseph Mizzi. Huwa zied jghid li jidher li kien hemm xi ilment minghand xi kunsillier. Ghaldaqstant is-Sindku ha d-decizjoni li din ir-responsabilita’ tinzamm minnu biss. Is-Sindku staqsa lil Tonio Mifsud u lil Louis Apap li ghandhom ir-responsabilita’ li huma sostituti u kollaboraturi flimkien mas-Sindku jekk jixtiequx li f’dawn ir-responsabilitajiet jibqghu sostituti fihom. Huma ikkonfermaw li kienu qed jaccettaw. Tkompliet id-diskussjoni fejn Joseph Mizzi qal li huwa min-naha tieghu ma kellu ebda problema sabiex anke hu jkun sostitut pero’ s-Sindku qal li fil-prezent huwa qed jiehu d-decizjoni li jzomm din ir-responsabilita’ huwa biss.

06.3.5 Is-Sindku gibet l-attenzjoni li s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis kien gie infurmat minn xi kunsilliera li mhumiex qed jigu nfurmati dwar l-attivitajiet li qed isiru mill-Kunsill. Huwa gibed l-attenzjoni li kull attivita’ tigi disussa waqt il-laqghat tal-Kunsill. Is-Sindku talab lill-membri sabiex jekk xi hadd qed isib xi problema ta’ komunikazzjoni jew li l-emails mhux qed jaslulu huwa mitlub jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv biex jekk ikun il-kaz tigi solvuta l-problema.

06.3.6 Is-Sindku qal li mill-gimgha d-diehla ser tibda’ d-duttrina u l-Kunsill precedenti kien qabel li jaghti l-ghajnuna tieghu fl-immanigjar tat-traffiku fil-hin tad-dhul u tal-hrug tad-duttrina. Huwa ppropona li jkun hemm gwardjan lokali jikkontrolla issa li fil-lokalita’ ghandna gwardjani li qed jassistuna. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

06.3.7 Gie spjegat li ghada ser issir konferenza tal-Kite and Wind Festival f’San Dimitri fuq iz-zuntier. Il-Ministru ser tkun prezenti ghal din il-konferenza u ser tibda’ fil-11.30am.

06.3.8 Is-Sindku spjega li l-WasteServ Malta ser jibdew joffru servizz simili ghal open skip b'trakk fejn huma qed jipproponu li jkun kull tieni Tnejn tax-xahar fiz-zona ta' wara l-Knisja. Dan it-trakk mhux ser jigbor haxix, zkuk, WEEE u materjal ta' kostruzzjoni. Din hija inizjattiva mill-Gvern Centrali b'ghan li jitnaqqas ir-rimi gewwa l-widien. Is-Sindku qal li huwa ta' l-opinjoni li naraw jekk din is-sistema tigix milqugha tajjeb mir-residenti kumparat mas-servizz ta' l-open skip. Fil-lokalita' taghna dan is-servizz ser jibda' jinghata mill-14 ta' Ottubru. Tqajjmet ghad-diskussjoni minn fejn ghandu jkun offrut dan is-servizz. Kienu proposti Triq Tumas Cassar fejn jinghata s-servizz tal-open skip. Miriam Borg ssugeriet il-parti t'isfel ta' Triq Dun Alwig Mizzi. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ghandu jinghata minn Triq Dun Alwig Mizzi.

06.3.9 Is-Sindku qal li l-attivita' tal-Herb Festival kienet tajba minkejja t-temp. Ghal sena ohra wiehed irid jara kif jistghu jittejbu certu affarijiet u jekk il-Kunsill jaqbel dan jista' jsir kull sena. Miriam Borg qalet ukoll li l-girja kienet tajba ukoll u din ukoll tista' tithol fil-kalendarju ta' l-attivaijet sporitivi ta' kull sena. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u gie deciz li l-Kunsill ghandu jdahhal din il-girja fil-kalendarju sportiva. Tonio Mifsud qal li bhala Herb Festival ghandu jiddahlu aktar herbs. Is-Sindku qal li l-Herbs kienu gew moghtija b'xejn mill-Ministru ghal Ghawdex fejn tqassmu 'il fuq minn 2000 pot. Kien spjegat li wahda mill-istalls relatata mal-medicinali tal-herbs kellha tidhol fic-Centru Parrokkjali minhabba x-xita. Ghall-istall tal-messaggi jidher li kien hemm rispons tajba hafna. Il-Vici Sindku ssugerixxa li ghal sena ohra tkun introdotta sezzjoni tal-processar u ghasir taz-Zebbug.

06.3.10 Fuq is-survey taz-zebra crossing intalbet l-opinjoni tar-residenti taz-zona tal-Fgura, Triq l-Gharb u Triq Frangisk Portelli fejn gew ssugeriti diversi possibilitajiet, fosthom (i) mill-hanut tal-café' ghall-hanut tas-souvenirs, (ii) mill-isqaq ghall-ispizerija ghan-naha l-ohra tat-triq (iii) fil-bidu ta' Triq il-Knisja. Kif kien maqbul fl-laqgha precedenti dawn il-proposti ghandhom jitbghatu lil Transport Malta ghall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni taghhom. Tonio Mifsud issugerixxa li jsiru traffic lights bil-push button. Il-Kunsill ser jistenna lil Transport Malta u wara terga jddiskuti l-materja. Is-Sindku sahaq li l-parking disponibbli ma ghadu bl-ebda mod jitnaqqas.

06.3.11 Is-Sindku spjega li kien gie avvicinat minn resident sabiex jigu organizzati korsijiet tal-crafts ghal tfal mill-Year 4 sal-Year 6 fejn jikkrejaw xi oggetti relatata mall-Milied. Il-proposta hija li dawn isiru s-Sibtijiet bejn id-9am u 11am. Miriam Borg staqsiet jekk il-korsijiet tax-Xjenza ghat-tfal hux ser

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

jergghu jsiru fejn gie spjegat li l-Kunsill ikun irid jerga' japplika u f'kaz ta' konferma dawn isiru fic-Centru ta' Kreattivita'. Tonio Mifsud staqsa jekk ikunx hemm konkorrenza fejn gie ikkonfermat li l-konkorrenza kienet wahda tajba. Lura ghall-kors tal-crafts gie spjegat li dan jista' jinbeda s-Sibt 16 ta' Novembru, ikompli fit-23 ta' Novembru bil-possibilita' li jkun hemm lezzjoni ohra fit-30 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi organizzat dan il-kors fejn qabel ikun hemm laqgha biex jigi diskuss kif ser isir.

06.3.13 Is-Sindku spjega li fis-snin precedenti l-Kunsill jghin f'attivita' tal-Halloween u talab lill-Kunsill jekk ghal din is-sena hux japprova din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora bhas-snin precedenti.

## 06.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

06.4.1 Giet ipprezentata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn talab sabiex isir double yellow line quddiem sqaq fi Triq Frangisk Portelli. Gie spjegat li dak l-isqaq partikolari kienet diga saret tabella ta' No Parking u ghal daqstant ma kienx hemm bzonn li jsiru double yellow lines.

06.4.2 Giet ipprezentata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn staqsa dwar x'hemm flus ivvutati ghat-tindif. Is-Sindku spjega li bhala tindif flus hemm ghal servizz ta' open Skip, Latrini u gbir ta' skart domestiku. Xogholijiet ohra li jinkludu xiri ta' bins johorgu mall-vot ta' l-*improvements*. Il-Bins li kienu gew installati saru bil-ghajnuna tal-Ministeru ghal Ghawdex. Hemm il-htiega ta' ohrajn fi Triq Trux, Triq San Pietru fiz-zona tal-Fgura. Tonio Mifsud staqsa jekk dawn humiex ser jithallsu mill-attivita' tal-Clean Up the World. Gie spjegat li t-tindif li sar ser jithallas mill-Clean Up the World u fondi ohra tal-Kunsill.

06.4.3 Giet ipprezentata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn talab sabiex iwaqqaf sotto-kumitat. Is-Sindku qallu li jista' jaghmel dan billi jipprezenta lista ta' l-ismijiet lill-Kunsill ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 06.5 Korrispondenza u Rapporti

06.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar: PA07017/19, PA07153/19, PA07158/19, PA07021/19 u PA07266/19.

06.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand it-Transport Malta

b'approvazzjoni tar-Road Humps ta' Triq Trux. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab kwotazzjoni taghhom sabiex tigi pprezentata fil-laqgha li jmiss. Il-Kunsill iddiskuta ukoll dwar il-possibilita' ta' installazzjoni ta' sinjali illuminati bhal dawk li jezistu gewwa Malta ghal Pjazza taz-Zjara tal-Madonna, Triq l-Gharb ghaz-zebra crossing u ghal velocita' eccessiva. Fir-rigward ta' Triq l-Gharb wara li jingabu l-prezzijiet ghandha ssir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex tigi implimentata min-naha taghhom peress li din hija triq arterja.

06.5.3 Giet diskussa korrispondenza minghand kumpanja Maltija dwar *open air gym* li dawn jahdmu b'tali mod li meta wiehed juza l-appart jiggenera energija. Is-Sindku ppropona li jigi installat apparat simili fil-leisure park fejn il-ground. Joseph Mizzi staqsa jekk hemmx bizzejjed spazju. Is-Sindku issugerixxa li issir laqgha mar-rapprezentata tal-Kumpanija u wara terga tigi diskussa x'jista' jigi implimentat. Joseph Mizzi qal li sewwa li kieku jigu implimentati fi Triq Birbuba pero' gie innotat li dawn ahjar ikunu f'zona centrali. Is-Sindku qal li huwa talab lill-perit sabiex jara kif tista' tigi kkrejata zona ghall-playing field. Il-Kunsill qabel ma l-ideja tal-playing field f'San Pirtru filwaqt li qabel ukoll li ghandha tigi kkuntatjata l-kumpanija sabiex ikun esplorat il-progett tal-open gym.

**06.6 Bye-Law Protezzjoni Wirt Storiku fil-lokalita'**

06.6.1 Is-Sindku talab li ghanda tigi atwata *bye-law* dwar il-protezzjoni ta' Wirt Storiku l-lokalita' u talab li din tigi diskussa. Joseph Mizzi qal li huwa diga ghamel ricerka min-naha tieghu dwar l-*bye laws* ezistenti. Is-Sindku qal li f'din il-*bye law* jistghu jidhlu bhal nicec, salib tad-dejma, skrizzjonijiet u dak kollu li huwa ta' importanza kulturali u tradizzjonali. Tonio Mifsud issugerixxa li jidhlu ukoll gandotti ta' l-ilma li hemm fiz-zona ta' Wied il-Knisja. Is-Sindku qal li fil-legislazzjoni precedenti tal-Kunsill kienet saret ricerka dwar gandott / shelter li jinsab bejn Triq Felic Grech u l-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi pero' kien irrizulta li m'ghandhux valur storiku u kull ma hu huwa gandott imsaqqaf. Tonio Mifsud semma li hemm ukoll il-marki tal-karru relatati mal-leggenda ta' San Dimitri. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha ma' Avukat li jiehu ir-responsabilita ta' din il-*bye law* u ohrajn.

06.6.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fir-rigward tad-dar li kienet ta' Frangisk Portelli kienet intbghatet ittra lill-Isqof u dan wiegeb lura li ha nota taghha.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

## 06.7 Zebra Crossing fiz-zona tal-Fgura

06.7.1 Din il-materja diga giet diskussa aktar kmieni waqt il-laqgha.

## 06.8 Attivitajiet tal-Milied

06.8.1 Is-Sindku qal li l-iskola primarja ser tkun qed itella' l-kuncert tal-Milied fit-12 ta' Dicembru. Peress li l-ghada hija public holiday kien suggerit li bejn it-12 u 13 ta' Dicembru jittelghu zewg attivitajiet. Fit-12 filghaxija fil-pjazza jerga jittela' il-kuncert tat-tfal u issir festa ghat-tfal filwaqt li fit-13 issir car boot sale fil-pjazza ghall-fondazzjoni Gesu fil-proxmu. Tonio Mifsud staqsa jekk hux ser ikun hemm tinda. Giet diskussa l-possibilita' li tinxtara tinda b'arragamenti ma' kuntrattur privata li jiehu l-inkarigu li jarma ghall-uzu tal-Kunsill filwaqt li l-istess kuntrattur ikollu l-possibilita' li jahdem biha. Is-Sindku qal li dan huwa suggeriment u jrid jigi diskuss aktar fid-dettal il-quddiem peress li jrid isir ukoll *market research*. Lura ghall-attivita', Joseph Mizzi qal li c-Centru Parrokkjali kienu qed jahsbu li jtellghu presepju haj f'dawn il-granet gewwa Sqaq l-Arcipriet. Tonio Mifsud issugerixxa sabiex jippartecipaw l-NGO's. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u gie deciz li ghandu jinhareg avviz ma' l-NGO's biex il-Kunsill jara min hu interessat. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jara jekk jissellifx id-djar zghar li jigu armati fi Pjazza San George. Miriam Borg issugeriet ukoll li tista' ssir *Treasure Hunt*. Il-Kunsill qabel li ghandha titella' din l-attivita' u ghandha ssir laqgha nformali sabiex tigi diskussa din il-materja.

06.8.2 Materja ohra relatata mall-Milied huwa t-tizjin. Il-Kunsill qabel li jintalbu kwotazzjonijiet ghal dan u din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

06.8.3 Il-Kunsill qabel ukoll li fi zmien dawn il-festi ssir ikla tal-Kunsill bhal ma jsir ta' kull sena.

06.8.4 Gie diskuss ukoll l-attivita' tal-Milied ghat-tfal li ssir kull sena b'kollaborazzjoni mall-parrocca. Fis-snin precedenti gie spjegat li din l-attivita' kienet titella' fejn it-tfal l-ewwel kien ikollhom harga segwita b'party u token zghir lit-tfal. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku ssugerixxa li ssir laqgha ma' l-organizzaturi tal-parrocca u jigu diskussi dawn is-suggetti bl-ghan li t-tfal kollha tal-parrocca jippartecipaw. Miriam Borg issugerriet li dan l-avveniment issir wara l-Quddiesa tal-Hadd tat-tfal. Il-Kunsill qabel li jistieden lill-Arcipriet ghal-laqgha.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

### 06.9 Shelters ghat-tfal

06.9.1 Is-Sindku qal li hemm problema fix-xhur tax-xitwa ghall-istudenti kemm dawk ta’ l-iskola primarja kif ukoll dawk ta’ l-iskola sekonarja. Huwa ppropona li fuq il-parapett ta’ l-iskola jsir xelter sabiex it-tfal u l-genituri ma jixxarbux. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi avvicinat l-Perit sabiex isir disinn ta’ fejn hemm l-entratura principali u ta’ l-entratura l-ohra. Gie innotat ukoll li wara jkunu jridu jingabu l-approvazzjonijiet mill-iskola, mid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni u minn entitatajiet l-ohra responsabbli.

06.9.2 L-istess problema qed jiltaqghu maghha t-tfal li jattendu l-iskejjel sekonarji fejn dawn mhux qed ikollhom fejn jistkennu waqt li jkunu qed jistennew il-bus. Saret diskussjoni fejn gie innotat li fil-prezent tista’ ssir tinda b’mod temporanju fil-pjazza.  Miriam Borg issugeriet fil-bidu ta’ Triq Dun Alwig Mizzi jew mad-Dar tal-Arcipriet fi Triq il-Madonna tal-Virtut jew inkella fil-Pjazza fejn hemm il-kiosk. Il-Kunsill qabel li ghandu jesplora l-possibilita’ li din issir x' imkien fil-Pjazza.

### 06.10 Attivita’ thawwil tas-sigar

06.10.1 Is-Sindku nforma lill-membri li saret applikazzjoni ghas-sigar fejn huwa previst li jsir fil-25 ta’ Ottubru, 2019.

### 06.11 Kite Festival

06.11.1 Is-Sindku spjega li din is-sena ghandna madwar 20 pajjiz participant f’dan il-festival. Saret diskussjoni dwar kif qed jigi ppoponut li jsir dan il-festival fejn il-Gimgha filghodu jkun hemm il-workshops fil-grawnd tal-futbol u jekk ikun temp hazin isir fil-gym. Filghaxija fl-istess gurnata ssir sfilata bil-partecipanti barranin ghall-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna fejn hemmhekk tista’ issir ikla tradizzjonali bil-ghajnuna tal-Gharb Rangers FC. Fil-jum tas-Sibt jistghu jsiru l-workshops fuq il-post f’San Dimitri u t-titjir tal-kites. Dan bhal ma gara s-sena l-ohra fejn fuq is-sit tal-Ministeru ghal Ghawdex ikun hemm l-applikazzjonijiet ghal min ikun jixtieq jidhol ghal-workshops. Filghaxija hija prevista li tiehu sehem l-Ghadqa Muzikali Vizitazzjoni ghal marc bl-istatwa l-gdida ta’ San Dimitri minn fejn il-Pinnur ghal Kappella. Dan ser ikun segwit b’bbq organizzat mill-kumitat festi esterni li ghalih ser jippartecipaw ukoll il-mistiedna partecipanti. Fl-ahhar gurnata li hija dik tal-Hadd ser jinzammu workshshops u titjir ta' kites u kompetizzjoni ghal habta tat-3.30pm. Il-Ministru Justyne Caruana ser tkun prezenti ghall-hin tal-4.00pm fejn twassal messagg tal-okkazjoni u tqassam it-tokens lill-

partecipanti u lir-rebbieha tal-kompetizzjonijiet. Kemm ghas-Sibt u ghall-Hadd gie propost li jkun hemm zona ghall-*entertainment* ghat-tfal. Il-Kunsill iddiskuta dan il-program fejn qabel ma' dak propost.

06.11.2 Is-Sindku spjega ukoll li huwa kien tkellem mall-Ministeru ghal Ghawdex sabiex iz-zona fejn isiru l-workshops tkun imnaddaf mill-haxix hazin fejn dawn kienu qablu li jidhol kuntrattur inaddaf. Apparti dan il-bicca ghalqa l-ohra li hemm ma' genb din iz-zona imsemmija ser tissellef ghal din l-okkazjoni minghand is-Sid tal-farm filwaqt li l-ghalqa l-ohra ma genb il-parkegg tal-Knisja, l-Kunsill kienu ghadu qed jistenna risposta min-naha tas-Sid jekk tistax tintuza.

06.11.3 Saret diskussjoni dwar parkegg u transport fejn il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni ghal park and ride mir-Rabat lejn San Dimitri. Apparti dan kien qieghed jigi identifikat post fejn jista' jsir parkegg temporanju ghal din l-okkazjoni dejjem sakemm ma taghmilx xita u ma jkunx jista' jintuza. Il-Kunsill qabel ukoll li jara l-possibilita' li ghar-residenti ta' l-Gharb jigi offrut servizz permezz tat-tuk tuk li tghaddi minn certu zoni ta' l-Gharb.

06.11.4 Gew diskussi dwar x'tokens jistghu jinghataw lill-partecipanti u lill-barranin fejn fost ohrajn gie ssugeriet li jsir token minn haddied mahduma lokalment fil-crafts village ta' Dbiegi mill-Inkwina. Tonio Mifsud issugerixxa ukoll li l-persuna li ser taghmel is-sezzjonijiet tal-crafts tikkreja xi haga pero' fl-istess waqt gie innotat li z-zmien huwa limitat. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-haddied sabiex jipprepara tokens ta' l-okkazjoni. Is-Sindku nforma lill-membri li fil-gimgha ta' l-14 ta' Ottubru, l-organizattur tal-festival ser jasal u aktar dettalji jkunu jistghu jigu diskussi mieghu.

## 06.12 Social Marketing Campaign – Wasteserv

06.12.1 Din il-materja giet diskussa aktar kmieni waqt din il-laqgha.

## 06.13 Team Building – Ghaqdiet Volontarji Gharb

06.13.1 Is-Sindku ppropona li jsir team building ghal Ghaqdiet NGO's lokali tar-rahal fejn ikunu jistghu jiltaqghu flimkien permezz ta' professjonist. Din tista' tkun ta' ghajnuna ghalihom. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

## 06.14 CCTV's entraturi tal-lokalita'

06.14.1 Is-Sindku ssugerixxa li jsiru CCTV's fl-entraturi / hrug tar-rahal sabiex ikun hemm aktar sigurta' ghar-rahal. Dawn il-cameras ikunu jistghu jigu kkontrollati min-naha tal-LESA gewwa l-ufficcju taghhom. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suggeriment.

## 06.15 Vacation Leave tal-Impjegati

06.15.1 Gie spjegat li s-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill kien ghad fadlilhom xi *vacation leave* li minhabba impenji ta' xoghol mhux ser ikun ittiehed sa l-ahhar tas-sena. Fil-prezent kien ghad fadlilhom hekk segwenti Segretarju Ezekuttiv 204, Ufficjal Ezekuttiv 199.25, CIES (1) 175.25 u CIES (2) 200.00. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla.

06.15.2 Is-Sindku nforma lill-membri li ser isir kors tal-Pilates gewwa l-Gym. Dawn apparti korsijiet ohra li jistghu jigu organizzati gewwa c-centru ta' kreattivita'. Gie spjegat li f'dan ic-centru diga hemm makkinarju u hemm iehor li jrid jinxtara. Ghal dawn il-Kunsill ghandu konsulent li qed jghinu fix-xiri tal-makkinarju. Is-Sindku spjega ukoll li dan huwa hub regjonali li gie imwaqqaf ghal persuni li jixtiequ jikkrejaw oggetti, crafts u ohrajn maghhom u li m'ghandhomx l-ghodda mehtiega ghal dan il-ghan. Huwa zied jghid li dan ic-centru jinkludi ukoll laboratorju ghat-tfal ta' l-iskola.

## 06.16 Skeda ta' Pagamenti

06.16.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

06.16.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-vjagg tal-progett li kien ser ikun ghall-Grecja ser jitharrek peress li ser isir mall-Kite and Wind Festival filwaqt li l-vjagg ta' wara ser ikun parti mill-festival ta' Novembru u ghaldaqstant il-Kunsill ma' jistax jippartecipa. Safrattant pero' l-Kunsill huwa partner fi progett mall-Kunsill ta' Chantillon gewwa l-Italja li huwa vicin ta' l-Isvizzera. Din iz-zjara ser issir bejn l-24 u 27 ta' Ottubru. Dati precizi jridu jigu kkonfermati. Is-Sindku stieden sabiex min mill-membri jixtieq li jippartecipa ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv mill-iktar fis. Tonio Mifsud ikkonferma li huwa interessat li jattendi.

## 06.17 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

06.17.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 13 ta' Novembru, 2019 fid-9am.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

06.17.2 Il-laqgha spiccat fis- 12.56 pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |